**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MIRIAM HAYMAN LL. D.**

**Kumpilazzjoni Nru. 124/02**

**Il-Pulizija**
**(Sp. Abraham Zammit)**
**(Sp. Pierre Micallef Grimaud)**

**vs**

**George Grech ta' 41 sena, iben Joseph (mejjet) u Carmela (mejta) nee Azzopardi, mwieled Bormla, fis-6 ta' Ottubru, 1960, u joqghod 29, Triq is-Sireni l-Isla, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 38261 (M).**

**Illum 20 ta' Awissu, 2002.**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi George Grech li gie akkuzat

(a) talli fl-14 ta' Frar, 2002, fil-Fgura u f'Rahal Gdid, ghall-habta ta' 3.00 p.m. ngurja, jew hedded, hew ghamel offiza fuq membri tal-Korp tal-Pulizija, persuni inkarigati minn servizz pubbliku waqt li kienu jaghmlu jew minhabba li ghamlu dan is-servizz bil-hsieb li jbezzaghhom jew jinfluwenzahom milli jaghmlu dan is-servizz.
(b) Talli fil-Fgura u Rahal Gdid fl-istess data, hin u cirkostanzi attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew hebb ghal diversi membri tal-Korp tal-pulizija, persuni nkarigati minn servizz pubbliku waqt li kienu jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz.
(c) Talli naqas li jobdi l-ordnijiet legittimi tal-imsemmija ufficjali pubblici waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu d-dmirijiet

taghhom u izjed ma halliex jew b'mod iehor fixkel lill-pulizija milli jaghmlu d-dmirijiet taghhom.

(d) Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu jew taht il-kontroll tieghu, zamm u/jew garr arma tan-nar ta' marka mhux maghrufa – revolver kalibru .38 in, bla serial number u munizzjon u cioe tlett (3) bullets, minghajr il-licenzja mahruga f'ismu mill-Kummissarju tal-Pulizija.

(e) Talli f'dawn il-gzejjer, fl-istess hin, data u cirkostanzi, meta kellu fil-pussess tieghu l-arma tan-nar u munizzjoni hawn imsemmija, naqas li jaghti avviz taghha lill-Kummissarju tal-Pulizija biex jordna jekk din l-arma ghandhiex tinzamm taht idejn il-Pulizija jew taht idejn il-persuna li tat l-avviz.

(f) Talli fl-istess, data, hin, lok u cirkostanzi minghajr ma drabtha, heddidt b'din l-arma tan-nar –revolver- lil Josephine Camilleri miz-Zejtun bil-hsieb li jbezzaghha jew jaghmlilha hsara.

(g) Talli fl-istess data, hin, post u cirkostanzi kiser il-paci pubblika u l-bon ordni b'ghajjat, storbju, glied jew mod iehor.

(h) Kif ukoll talli sar recidiv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta liema sentenzi saru definittivi.

(i) Talli fil-lejl bejn l-14 u l-15 ta' Frar, 2002 volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, cioe hsara gewwa l-lock up tal-Furjana, liema hsara tammonta ghal aktar minn Lm 50 (hamsin lira Maltin) ghad-detriment tal-Gvern ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba li barra li taghti l-piena stabbilita bil-ligi, tapplika wkoll l-art 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta' ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati kif ukoll tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-Artiklu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkonsidrat;

Rat l-ammissjoni ta' l-akkuzat kif appena intbaghtu l-artikoli ta' l-Avukat Genrali li jaqraw;

95, 249, 96, 338(ee), 338(dd), 49, 50 u 325 tal kap 9 kif ukolll l-artikoli 2, 3, 19 tal-kap 66 ilkoll tal-ligijiet ta' Malta.

Rat li l-istess ta l-kunsens tieghu ghal proceduri sommarji.

Rat l-atti kollha tal-kawza u jidher  mill-istess li ma hemm ebda raguni ghala din il-Qorti m'ghandhiex taccetta tali ammissjoni.

In  vista ta' l-ammissjoni tieghu ghalhekk il-Qorti  wara li rat l'hawn imsemmija artikoli qed issibu hati ta' l-istess akkuzi.

Dwar il-piena, semghet t-trattazzjonijiet tal-partijiet, in partikolari din il-Qorti tat attenzjoni ghal tliet punti; il-fedina penali ta'  l-akkuzat, is-sentenzi esebiti li taghhom saret id-debita prova tal-identita, ix-xhieda ta' Josette Camilleri ( mitluba mill-istess akkuzat ghal fini ta' liberta provizorja),  kombinata l-istess xhieda mar-rapport minnha esebit a fol 110, kif redatt mill-agenzija Sedqa.  Rat u kkonsidrat li l-akkuzat ghandu problema serja ta' abbuz ta' alkohol  u atitudni xejn posittiva lejn il-korp tal-pulizija, attitudni li tidher li taggrava meta jkun taht l-influenza tal-alkohol. Rat ukoll li l-akkuzat  ipprova li johrog minn din il-problema, pero'  sal-lum bla success. Semghet li l-istess akkuzat ried li jerga' jiddahhal fi hdan l-agenzija Sedqa biex jerga jibda il-programm ta' riabiltazzjoni kontra l-abbuz ta' l-akolhol. F'dan ir-rigward pero' l-Qorti wisq tibza' li l-akkuzat ghamel din it-talba biex jinghata l-liberta' provisorja, infatti nonostante li setgha jaghmel dan matul l-arrest preventiv, u juri li ghandu xi tip ta' inizjattiva, dan ma sehhx. Dan dejjem il-Qorti qed tibbaza fuq ix-xhieda ta' Josette  Camilleri  li  qalet  li s-Sedqa ma kinitx lesta li tiehu responsabbilta' jekk l-akkuzat ma jurix motivazzjoni qawwija, ziedet li hu  anke mill-habs setgha jaghmel, dejjem jekk irid, dan il-programm ( a fol 115).

Ghaldaqstant wara dak kollu premess, wara li rat  l-artikoli hawn fuq imsemmija kif ukoll l-artikoli 17 u 31 tal -kap 9, tikkundanna lil GEORGE GRECH ghal sena prigunerija li minnhom  ghandu jitnaqqas l-arrest preventiv, kif ukoll ghal multa ta' mitejn lira maltin (Lm200) li ghandhom jithallsu fi zmien xahar mill-lum.  Tordna  wkoll  ai terminu ta' l-artikolu 19 tal-Kap 66 li l-arma u l-munizzjon sekwestrati minghand l-akkuzat u esebiti fl-atti ta' din il-kawza jigu konfiskati. Rat ukoll l-artikolu 383 tal-Kap 9 u tordna li George Grech ma jersaqx, javvicina jew jivvessa lil  Josephine Camilleri u Jesmond Quirolo u dan b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' mitt lira  Maltin u dan ghal tnax il-xahar mill-lum.

Inoltre tirrakomanda lid-Direttur tal-Habs li jekk l-akkuzat juri xewqa vera u sinciera li johrog mill-problema tal-abbuz tal-alkohol, li jinghata kwalunkwe fakolta' li jsegwi programmi hekk adatti, bl-ghajnuna psikjatrika u psikolgika li l-awtoritajiert kompetenti fil-materja jiddeterminaw li ghandu bzonn.

Magistrat Miriam Hayman